**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Lara Butters]**

**vs**

**Abdel Kadir Idris Mohammed**

**Mohammed Ishmael Modawi**

**Luna Luul**

**Jodia Samsom**

**Haile Tesfay**

**Illum, 22 ta' Novembru, 2019**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

> "**Mohammed Ishmael Modawi,** detentur ta' Numru tal-Pulizija 18N-106;
>
> **Abdel Kadir Idris Mohamed**, detentur ta' Numru tal-Pulizija 18Q-145;
>
> **Luna Luul**, detentrici ta' Numru tal-Pulizija 19J-083;
>
> **Jodia Samsom,** detentur ta' Numru tal-Pulizija 19J-184;
>
> **Haile Tesfay,** detentur ta' Numru tal-Pulizija 19J-115;

U nakkuzhom talli fl-20 ta' Novembru, 2019, u jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-gzejjer;

1. Iffalsifikaw, biddlu jew għamlu xi tibdil f'passaporti, jew użaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi passaport, li huma kienu jafu li ġie iffalsifikat, imbiddel jew li sar xi tibdil fih *(Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta)*;

2. Kif ukoll talli xjentement għamlu użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati *(Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta)*;

3. Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima użaw jew kellhom fil-pussess taghhom xi dokumenti, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni *(Kap 217, Sec 32(1)(f) tal-Liġijiet ta' Malta)*.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."

Semghet l-ammissjoni tal-imputati;

Tat zmien ragonevoli lill-imputati sabiex jirrikonsidraw l-ammissjoni tagħhom;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputati **Abdel Kadir Idris Mohammed, Mohammed Ishmael Modawi, Luna Luul, Jodia Samsom, u Haile Tesfay** reġgħu affermaw l-ammissjoni

tagħhom anke wara li l-Qorti tathom żmien jirrikonsidraw il-posizzjoni tagħhom;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni tal-imputati l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputati.

Illi dwar il-piena li ghandha tigi mposta, din il-Qorti mhux biss qed tqis l-ammissjoni tal-imputati fi stadju bikri tal-proceduri, izda qed tqis ukoll il-koperazzjoni taghhom mal-Pulizija, il-fedina penali tal-imputati, il-gravità tar-reati minnhom kommessi, kif ukoll ic-cirkostanzi partikulari li taw lok ghal dan il-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artiklu 5 tal-Kapitlu 61, l-Artiklu 189 tal-Kapitlu 9, u l-Artiklu 32(1)(f) tal-Kapitlu 217 tal-liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni (1) ssib lill-imputat **Abdel Kadir Idris Mohammed** ħati tal-akkuzi migjuba kontrih u wara li qieset il-fedina penali tiegħu, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, u l-ammissjoni bikrija tieghu tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettivi, (2) ssib lill-imputat **Mohammed Ishmael Modawi** ħati tal-akkuzi migjuba kontrih u wara li qieset il-fedina penali tiegħu, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, u l-ammissjoni bikrija tieghu

tikkundanna lill-imputat ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija effettivi, (3)issib lill-imputata **Luna Luul** hatja tal-akkuzi migjuba kontriha u wara li qieset il-fedina penali taghha, il-kollaborazzjoni taghha mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija taghha u l-fatt illi hija minorenni, tpoġġi lill-imputata Luna Luul taħt Ordni ta' Probation għal żmien sena mil-lum, f'liema żmien l-imputata għandha tkun segwita u tingħata l-għajnuna meħtieġa anke dik professjonali li jirriżulta li għandha bżonn wara evalwazzjoni appożita, (4) ssib lill-imputat **Jodia Samsom** ħati tal-akkuzi migjuba kontrih u wara li qieset il-fedina penali tiegħu, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fatt illi huwa minorenni, tpoġġi lill-imputat Jodia Samsom taħt Ordni ta' Probation għal żmien sena mil-lum, f'liema żmien l-imputat għandu jkun segwit u jingħata l-għajnuna meħtieġa anke dik professjonali li jirriżulta li għandu bżonn wara evalwazzjoni appożita, u (5) ssib lill-imputat **Hailey Tesfay** ħati tal-akkuzi migjuba kontrih u wara li qieset il-fedina penali tiegħu, il-kollaborazzjoni tieghu mal-Pulizija, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fatt illi huwa minorenni tpoġġi lill-imputat Haile Tesfay taħt Ordni ta' Probation għal żmien sena mil-lum, f'liema żmien l-imputat għandu jkun segwit u jingħata l-għajnuna meħtieġa anke dik professjonali li jirriżulta li għandu bżonn wara evalwazzjoni appożita.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-imputati l-import u konsegwenzi ta' din is-sentenza u x'jigri f'kaz li ma jottemporawx ruhhom ma' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur